MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 141/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Giuseppe Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Guido Agius Furniture Ltd (C 10815) ghas-snin 1998, 1999, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta’ dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar, 2011, li biha, l-Qorti laqghet l-eccezzjoni sollevata mill-appellat u ddikjarat l-azzjoni fil-konfront ta' l-appellat preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta' Marzu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok issib lill-appellat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi fis-7 ta' Marzu, 2011 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi.

Illi l-esponent Avukat Generali intavola dan l-appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413 (1)(b)(iv) tal-Kap. 9.

Illi kif qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza, l-istess xhud in difeza Guido Agius ammetta li l-formoli mensili (FS5) fil-maggoranza taghhom ma ntbaghtux u allura bhala stat ta' fatt l-appellat wettaq ir-reati imsemmija aktar il-fuq u l-kwistjoni kollha hi dwar jekk l-azzjoni hiex preskritta jew le.

Illi l-esponenti jissottometti illi hawnhekk si tratta di reat permanenti u ghaldaqstant il-Qorti tal-Magistrati applikat l-artikolu 688(e) b'mod zbaljat u dan ghaliex fil-kaz ta' reati permanenti bhal fil-kaz odjern, se mai kellu japplika l-artikolu 691(1) tal-Kap. 9 li jghid espressament illi ghar-reati permanenti, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat. Illi in oltre l-proviso tal-artikolu 23(12) tal-Kap. 372 jispecifika li z-zmien tal-preskrizzjoni m'ghandu qatt jibda ghaddej qabel ma dik il-

persuna tkun osservat ghal kollox id-disposizzjonijiet tal-istess artikolu, filwaqt li l-proviso tal-artikolu 23(13) jipprovdi li r-reat jibqa` jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ikun ikkonforma ma w hares id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih. Illi dan essenzjalment ifisser li ma jkun hemm l-ebda preskrizzjoni, u dan kif gie imfisser fis-sentenza l-ismijiet "Il-Pulizija vs Avukat Dottor Albert Ganado" fejn il-Qorti rriteniet illi *"Il-perjodu tal-preskrizzjoni jista' jibda biss meta tittermina l-vjolazzjoni, u* ***ghalhekk f'kaz ta' reat permanenti ma hemmx preskrizzjoni"***

Illi ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu suespost, l-esponent hu tal-fehma li l-Qorti tal-Magistrati ma setghatx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni minnha milhuqa stante li gie pruvat li l-appellat mhux konformi mal-ligi u stante li r-reati imputati lilu jibqghu jezistu sakemm l-istess appellat ikun konformi ma w jhares id-disposizzjonijiet tal-ligi.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta Guido Agius Furniture Limited kellha tliet (3) Diretturi, l-appellant li rrizenja fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 1999, Carmela Agius li rrizenjat fit-tnax (12) ta' Mejju, 2001 u Guido Agius li rrizenja fis-sebgha (7) ta' Marzu, 2011, (fol 39). Illi rrizulta wkoll li mill-formoli rikjesti taht il-"final settlements system" dawk li min ihaddem huwa tenut li jibghat fuq bazi anwali ntbghatu tartivament f'Novembru tas-sena 2010. Pero' minn dawk illi huwa tenut jibghat kull xahar hlief ghal xi ftit ma ntbghtu xejn. Mad-dokumenti mensili min ihaddem ghandu jibghat it-taxxa relattiva liema taxxa baqghet ma thalsitx. Ma giex fil-fatt kontestat li l-formoli msemmija fic-citazzjoni ma ntbghatux. L-ewwel Qorti pero' f'Sentenza moghtija fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar, 2011 illiberat lill-appellat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu peress illi bir-rizenja tieghu fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 1999 l-azzjoni fil-konfront tieghu tinsab preskritta bid-dekors ta' sentejn minn dik id-data.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-Sentenza u appella minnha ghax dehrlu li peress li si tratta ta' reat permanenti, skont il-proviso ta' l-Artiklu 23 (13) tal-Kap 372 ir-reat jibqa jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ikun ikkonforma u hares id-dispozizzjonijiet ta'dak l-Artikolu jew ta' kull regola imsemmija fih u ghalhekk la huwa kaz ta' reat permanenti ma hemmx preskrizzjoni u quindi l-ewwel Qorti ma kelliex tillibera.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti diga kellha okkazjoni sabiex tippronunzja ruha fuq dan il-punt fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Joseph Mary Debono" deciza fid-disgha (9) ta' Dicembru, 2011 fejn fost affarijiet ohra qalet "Il-Qorti tirrileva pero' li ghal dan il-kaz partikulari stante li si tratta ta' lex specialis ghandhom japplikaw it-termini ta' l-istess Ligi u l-proviso ta' l-artiklu 23 (12) tal-Kap 372 jitkellem car u jispecifika li z-zmien tal-preskrizzjoni m'ghandu qatt jibqa' ghaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat ghal kollox id-dispozizzjonijiet ta' l-istess Artikoli. Quindi Direttur fil-kariga jibqa responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghal dawk is-snin kollha li jkun naqas milli jibghat ir-returns u d-dokumenti lill-istess Kummissarju u r-reati kontempleti fil-Kap 372 ghandhom jitqiesu bhala ta' natura permanenti u jibqghu hekk sakemm id-direttur jew il-persuna koncernata tottempra ruhha mal-Ligi u tibghat l-informazzjoni rikjesta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni."

L-ewwel Qorti realizzat din is-sitwazzjoni pero' lliberat lill-appellat peress li flimkien l-impossibilita li jottempra ruhu mal-Ligi mar-rizenja tieghu. Fl-istess Sentenza fuq imsemmija l-Qorti qalet, "Fil-waqt li din il-Qorti tirrikonoxxi li d-difiza ta' impossibilita hija rikonoxxuta fis-sistema guridika taghna, bhala regola generali din id-difiza tista' tigi mqajma biss jekk dak li jkun ma jkunx pogga ruhu volontarjament fl-impossibilita fizika li jottempra ruhu mal-Ligi. Quindi jekk is-sitwazzjoni tkun ta' self inflicted impossibility din id-difiza ma tistax treggi."

Ikkunsidrat.

Irrizulta f'din il-kawza illi l-appellant Giuseppe Agius huwa mpjegat mal-bank u ghal zmien kien direttur ta' Guido Agius Furniture Limited. Il-Form K tar-rizenja tieghu ntbghatet b'effett mis-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 1999 izda b'dan ma kienx jaf. L-azjenda kienet immexxija minn Guido Agius fejn quddiem din il-Qorti qal illi kien hu illi nehha lill-appellat minn direttur tal-kumpanija u ma kienx qallu biha. L-appellat kellu share wahda fin-negozju li kien gestit kompletament minn Guido Agius. Kien l-awditur ta' dak iz-zmien John Zammit illi fuq istruzzjonijiet ta' Guido Agius mela l-Form K u baghtu lill-MFSA fejn infurmha bir-rizenja ta' Giuseppe Agius bhala direttur. Guido Agius xehed quddiem il-Qorti li Giuseppe ma kienx jaf li tnehha minn direttur, sar jaf hafna zmien wara. Dana jikkonfermah l-istess appellat fejn wara illi huwa sar jaf illi l-kumpanija kellha diffikultajiet finanzjarji kbar kellu hafna argumenti ma Guido Agius u qatt ma ra jew gie moghti xi accounts biex jiffirma. Fl-ahhar spiccaw illi ma jitkellmux. Sar jaf illi tnehha hafna snin wara. L-appellat kompla jghid illi huwa jaf illi bhala direttur ghandu certa obbligi pero' ma kienx involut fl-amministrazzjoni.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi billi direttur ma jkunx involut fl-amminsitrazzjoni ma jfissirx illi b'daqshekk huwa mehlus mill-obbligi illi jgorr kwalunkwe direttur versu terzi u Kummissarju tat-Taxxi Interni. Kull direttur ghandu l-obbligu illi jassigura ruhu illi l-obligazzjoijiet tal-kumpanija versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni u enti ohra governattivi jigu mwettqa u ma jistax igib l-iskuza illi mhuwiex involut fl-amministrazzjoni jew ghandu biss ishma minoritarji. Indipendentiment kemm direttur ghandu ishma la darba huwa validament appuntat bhala direttur, ghandu obbligu li jitlob l-informazzjoni kollha necessarji sabiex jassigura li l-obligazzjonijiet ikunu mwettqa. Jekk dan ma jsirx, allura d-direttur ikun responsabli daqs kwalunkwe direttur iehor versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Dana inghad, irrizulta f'dan il-kaz pero' illi l-appellat formalment informa bir-rizenja tieghu lill-MFSA fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 1999, (fol 44). Quindi

minn dak inhar ma baqax aktar responsabbli ghat-treggija jew l-amministrazzjoni tal-kumpanija.

Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti meta qalet illi l-istat anti guridiku naxxenti minn nuqqas tas-socjeta Guido Agius Furniture Limited li tibghat id-denunzi ai termini tal-Kapitlu 372 wara s-sitta u ghoxrin (26) ta’ April, 1999 ma setax jigi rimedjat b’att ta’ volonta ta’ l-imputat ghaliex huwa ma baqax aktar direttur ta’din is-socjeta. Ma kienx xi att volut ta’ l-appellat illi ma baqax aktar responsabbli ghas-socjeta. L-appellat ma poggiex ruhu fis-sitwazzjoni ta’ l-impossibilita illi josserva l-Ligi, izda kien haddiehor ad insaputa ta’ l-istess appellat li poggieh f’din is-sitwazzjoni. Ghalhekk il-preskrizzjoni fil-konfront tieghu bdiet topera mis-sitta u ghoxrin (26) ta’ April, 1999. Irrizulta illi c-citazzjoni fiha d-data tmienja (8) ta’ Novembru 2010, ghalhekk dawn il-proceduri gew intavolati ferm wara d-dekors tas-sentejn mid-data tar-rizenja ta’ l-appellat mill-kariga tieghu ta’ direttur. Ghalhekk il-Qorti issib illi fuq il-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------